TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 151/14/GB

**Maria Grech**

**vs**

**Total Mobile**

Illum 3 ta' Settembru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-30 ta' Gunju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija hamsa u sittin Ewro (€165.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal 'mobile phone', li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema 'mobile phone' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat 'mobile phone' minghand is-socjeta' ntimata, pero' kellha tibaghtu ghat-tiswija tliet darbiet, fejn xorta wahda baqa' jahdem hazin. Sussegwentement, is-socjeta' ntimata kienet biddlet l-intern tal-' mobile phone' fejn żammet l-istess 'cover' ta' barra, pero' baqa' jahdem hazin. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kienet regghat ilmentat, pero' s-socjeta' ntimata kienet baqghet isosstni illi l-'mobile phone' kien qed jahdem tajjeb.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet erbgha (4) dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.MG1, Dok.MG2, Dok.MG3 u Dok.MG4.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, jikkummenta illi ma jistax ikun li kwalunkwe xorta mixtrija tittiehed ghat-tiswija ghal darba, darbtejn, tlieta, u xorta tibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur. Illi ghalhekk, u wara li ra l-provi li ngabu quddiemu, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura l-'mobile phone' difettuz in kwistjoni, u thallas l-ammont ta' mija hamsa u sittin Ewro (€165.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**